32003L0021

L 78/8 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 25.3.2003

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/21/KE

## tal-24 ta' Marzu 2003

## biex temenda d-Direttiva 2001/32/KE li tirrigwardja ċerti żoni protetti li huma esposti għar-riskji tas-saħħa ta' ċertu pjanti partikolari fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEW,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ta' 8 ta' Mejju 2000 fuq il-miżuri protettivi kontra d-dħul ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti fil-Komunità u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), bħalma kienet l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/89/KE ([2]), u partikolarment l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 2(1)(h) tagħha,

Wara li kunsidrat it-talba magħmula mill-Irlanda, l-Italja, l-Awstrija, l-Portugal, l-Isvezja u r-Renju Unit,

Billi:

(1) Taħt id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/32/KE ta' 8 ta' Mejju 2001 li tapprova ż-żoni protetti li huma esposti għar-riskji tas-saħħa ta' pjanti partikolari fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva 92/76/KEE ([3]), kif ġiet l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/29/KE ([4]), ċertu wesgħat tal-Portugall huma rikonoxxuti bħala żoni protetti fil-każ ta' Gonipterus scutellatus Gyll.

(2) Kif jidher minn informazzjoni provduta mill-Portugal ibbażata fuq stħarriġ aġġornat, jidher li ż-żoni protetti għall-Gonipterus scutellatus Gyll, għandhom jinbidlu u jiġu limitati għall-Azores biss.

(3) Kif jidher minn informazzjoni provduta mill-Irlanda bbażata fuq stħarriġ, li Liriomyza bryoniae (Kaltenbach) m'hix preżenti fl-istħarriġ ta' territorji tagħha.

(4) Kif jidher minn informazzjoni provduta mir-Renju Unit ibbażata fuq stħarriġ, li Liriomyza bryoniae (Kaltenbach) m'hix preżenti fl-Irlanda ta' Fuq.

(5) Taħt id-Direttiva 2001/32/KE, l-Irlanda, ċerti wesgħat ta' l-Italja u ċerti wesgħat ta' l-Awstrija huma proviżjonalment rikonoxxuti bħala "żoni protetti" fil-każ ta' Erwinia amylovora (Burr.) Winsl. et al. għall-perjodu li jagħlaq fil-31 ta'Marzu 2003.

(6) Kif jidher minn informazzjoni provduta mill-Awstrija, l-Irlanda u l-Italja li r-rikonoxximent proviżorju taż-żoni protetti għall-dawk il-pajjiżi fil-kaz ta' Erwinia amylovora (Burr.) Winsl. et al. għandha tiġi eċċezzjonalment imtawla għall-perjodu itwal ħalli l-korpi responsabbli ta' dawk il-pajjiżi jkunu jistgħu jlestu l-informazzjoni fuq it-tixrid ta' l-Erwinia amylovora (Burr.) Winsl. et al. u biex ilestu l-isforzi għall-qirda ta' dan l-organiżmu perikoluż fil-wesgħat konċernati.

(7) Kif jidher minn informazzjoni provduta mill-Italja li xi partijiet mir-reġjun ta' Veneto, fejn issa hu stabbilit dan l-organiżmu perikoluż, m' għandhiex titqies aktar bħala żona protetta fil-każ ta' Erwinia amylovora (Burr.) Winsl. et al.

(8) Taħt id-Direttiva 2001/32/KE, l-Isvezja hija proviżjonalment rikonoxxuta bħala "żona protetta" fil-każ tal-virus Beet tannekrosi tal-vina safra għall-perjodu li jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2003.

(9) Kif jidher minn informazzjoni provduta mill-Isvezja, li ċertu wesgħat fil-pajjiż ta' Skåne, fejn issa hu stabbilit dan l-organiżmu perikoluż, m' għandhiex tibqa' rikonoxxuta bħala żona protetta fik-każ tal-virus Beet tannekrosi tal-vina safra. Ir-rikonoxximent proviżorju ta' din iż-żona protetta għall-kumplament ta' l-Isvezja għandha tiġi eċċezzjonalment imtawla għall-perjodu itwal biex il-korpi responsabbli ta' l-Isvezja jkunu jistgħu jlestu l-informazzjoni fuq it-tixrid tal-virus Beet tannekrosi tal-vina safra u biex ilestu l-isforzi għall-qirda ta' dan l-organiżmu perikoluż fil-wesgħat l-oħra konċernati

(10) Id-Direttiva 2001/32/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif suppost.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq is-Saħħa tal-Pjanti,

ADDOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

### *Artikolu 1*

Id-Direttiva 2001/32/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

   (a) it-tieni paragrafu hu mibdul b'dan li ġej:

   "Fil-każ tal-punt (b)(2), għall-Irlanda, għall-Italja (Apulia, Emilia-Romagna: provinċji ta' Forlí-Cesena, Parma, Pjaċenza u Rimini; Lombardia; Trentino-Alto Adige: provinċja awtonimi ta' Bolzano; Veneto: ħlief fil-provinċja ta' Rovigo il-komuni Rovigo, Polesella, Villamarzana, Fratta Polesine, San Bellino, Badia Polesine, Trecenta, Ceneselli, Pontecchio Polesine, Arquà Polesine, Costa di Rovigo, Occhiobello, Lendinara, Canda, Ficarolo, Guarda Veneta, Frassinelle Polesine, Villanova del Ghebbo, Fiesso Umbertiano, Castelguglielmo, Bagnolo di Po, Giacciano ma' Baruchella, Bosaro, Canaro, Lusia, Pincara, Stienta, Gaiba, Salara, u fil-provinċja ta' Padova id-distretti Castelbaldo, Barbona, Piacenza d'Adige, Vescovana, S. Urbano, Boara Pisani, Masi, u fil-provinċja ta' Verona il-komuni ta' Palù, Roverchiara, Legnago, Castagnaro, Ronco all'Adige, Villa Bartolomea, Oppeano, Terrazzo, Isola Rizza, Angiari), u g]all-Awstrija (Burgenland, Kärnten, Niederösterreich, Tirol (Lienz id-distrett amminsitrattiv), Steiermark, Wien), dawn iż-żoni huma rikonoxxuti sal-31 ta' Marzu 2004.";

([1]) ĠU L 169, ta' l-10.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 355, tat-30.12.2002, p. 45.
([3]) ĠU L 127, tad-9.5.2001, p. 38.
([4]) ĠU L 77, ta' l-20.3.2002, p. 26.

(b) fit-tielet paragrafu, "il-31 ta' Marzu 2003" huwa mibdul bi "il-31 ta' Marzu 2004";

2. L-Anness huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa m'hux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2003 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amminstrattivi neċessarji biex titħares din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2003.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għa ndhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali magħhom għandu jkun hemm din ir-referenza. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha tkun magħmula din ir-referenza.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ wara t-tielet jum mill-publikazzjoni tagħha fil-*Gurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, fl-24 ta' Marzu 2003.

*Għall-Kummissjoni*
David BYRNE
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*L-ANNESS*

L-Anness tad-Direttiva 2001/32/KE hu emendat kif ġej:

1. taħt l-intestatura (a):
   (i) fil-punt 7, id-d]ul fil-kolonna tal-lemin hu mibdul b'dan li ġej:
   "Portugal (Azores)"
   (ii) il-punt 14 li ġej hu mdaħħal wara l-punt 13:

| | |
|---|---|
| "14. *Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach) | l-Irlanda, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta'Fuq)" |

2. taħt l-intestatura (b), fil-punt 2, id-dħul fil-kolonna tal-lemin hu mibdul b'dan li ġej:

   "Spanja, Franza (Korsika), l-Irlanda, l-Italja (Abruzzi; Apulia; Basilicata; Calabria; Campania; Emilia-Romagna: provinċji ta' Forlí-Cesena, Parma, Piacenza u Rimini; Friuli-Venezia Giulia; Lazio; Liguria; Lombardy; Marche; Molise; Piedmont; Sardinia; Sicily; Tuscany; Trentino-Alto Adige: provinċji awtonomi ta' Bolzano Trento; Umbria; Valle d'Aosta; Veneto: ħlief fil-provinċji ta' Rovigo il-komuni Rovigo, Polesella, Villamarzana, Fratta Polesine, San Bellino, Badia Polesine, Trecenta, Ceneselli, Pontecchio Polesine, Arquà Polesine, Costa ta' Rovigo, Occhiobello, Lendinara, Canda, Ficarolo, Guarda Veneta, Frassinelle Polesine, Villanova del Ghebbo, Fiesso Umbertiano, Castelguglielmo, Bagnolo ta' Po, Giacciano ma' Baruchella, Bosaro, Canaro, Lusia, Pincara, Stienta, Gaiba, Salara, u fil-provinċja ta' Padova il-komuni Castelbaldo, Barbona, Piacenza d'Adige, Vescovana, S. Urbano, Boara Pisani, Masi, u fil-provinċja ta' Verona il-komuni Palù, Roverchiara, Legnago, Castagnaro, Ronco all'Adige, Villa Bartolomea, Oppeano, Terrazzo, Isola Rizza, Angiari), u għall-Awstrija (Burgenland, Carinthia, l-Awstrija ta' Isfel, Tirol (Lienz id-distrett amministrattiv), Styria, Vjenna), il-Portugall, il-Fillandja, r-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq, *Isle of Man* u l-Gżejjer tal-Fliegu);"

3. taħt l-intestatura (d), fil-punt 1, id-dħul fil-kolonna ta' l-lemin hu mibdul b'dan li ġej:

   "Danimarka, Franza (Britanny), l-Irlanda, l-Portugall (Azores), il-Fillandja, l-Isvezja (bl-eċċezzjoni tal-wesgħat tal-Kunsill Distrettwali ta' Bromölla, Hässleholm, Kristianstad u Östra Göinge fil-pajji\i ta' Skåne), ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)."